MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-5 ta' Ġunju, 2003

**Albert BEŻŻINA WETTINGER**

**vs**

**IR-REĠISTRATUR TAL-QORTI, Emanuel u Nancy konjuġi Manġion, Joseph u Victoria konjuġi Scerri, Philip u Michelle konjuġi Falzon, Charles Camilleri, Rino Camilleri u Joseph Camilleri, Giovanna armla ta' Victor Camilleri u Dr. Pawlu Lia għal kull interess li jista' jkollu**

## Il-Qorti:

Rat ir-Rikors imressaq fis-6 ta' Novembru, 2001, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija r-rikorrent talab lil din il-Qorti tħassar it-taxxa ġudizjarja maħruġa dwar il-kawża fl-ismijiet "*Nancy Manġion et vs Albert Beżżina Wettinger*" maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fil-5 t'Ottubru, 2001[1], u

[1] Ċitazz. Nru. 1179/91

tordna lill-intimat Reġistratur tal-Qorti joħroġ taxxa ġudizzjarja korretta dwar l-imsemmija kawża;

Rat id-dokument mehmuż mal-imsemmi Rikors;

Rat ir-Risposta mressqa fis-27 ta' Diċembru, 2001, li biha l-intimati Manġion, Scerri, Falzon, Camilleri u Lia eċċepew:

1. Illi l-esponent Dr Pawlu Lia għandu jiġi liberat mill- osservanza tal-ġudizzju peress li mhuwiex leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri billi l-ispejjeż ġudizzjarji fil-proċeduri msemmija huma dovuti lill-atturi;

2. Illi bil-kawża msemmija fir-rikors il-Qorti fost oħrajn, intalbet tiddeċiedi u effettivament iddeċidiet dwar il-proprjeta' ta' l-art Ta' Żuppa, fil-kontrada ta' Birguma limiti tal-Għargħur. Għalhekk id-dritt relattiv għal din id-deċizjoni kellu jiġi ntaxxat fuq il-valur tal-istess proprjeta', liema valur kellu seta' jiġi determinat skond il-liġi, jew mill-proċess. Effettivament l-istess Albert Bezzina Wettinger fl-atti tal-proċess, ippreżentat kopja ta' denunzja li minnha jirriżulta l-valur tal-proprjeta' li huwa kien qed jallega li kienet tiegħu, liema valur kien ġie regolarment determinat ai fini tat-taxxa tas-suċċessjoni. Għalhekk mill-proċess stess teżisti dikjarazzjoni uffiċjali tal-valur ta' l-art in kwistjoni. Jiġi osservat illi dan il-valur kien jirreferi għall-1990 u għalhekk jekk xejn, il-valur ta' l-istess proprjeta' meta ġiet deċiża l-kawża kien bil-wisq iżjed minn dak li mexa fuqu r-Reġistratur tal-Qorti;

3. Illi konsegwentement it-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Rat ir-Risposta mressqa fl-4 ta' Jannar, 2002, li biha l-intimat Reġistratur tal-Qrati eċepixxa:

1. Illi preliminarjament id-dokument esibit mhux validu;

2. Illi preliminarjament ukoll, ir-rikors odjern huwa ntempestiv għaliex ir-rikorrenti messu esplora l-possibilita'

ta' reklam bonarju bejnu u l-esponenti, fit-terminu stipulat mil-liġi, qabel ma huwa għadda għal-litigazzjoni, u dan peress li l-impunjazzjoni prospettata mil-liġi ai termini ta' l-artikolu 64 tal-Kap. 12 ma teskludix tali reklam;

3. Fil-mertu, it-tassazzjoni mpunjata hija korretta u t-talba tar-rikorrenti għandha tkun miċħuda bl-ispejjeż kontrih;

4. Fi kwalunkwe każ l-esponenti jirrimetti ruħu għall-ġudizzju tal-Qorti;

5. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-Degriet tagħha tat-22 ta' Jannar, 2002, li bih ordnat li l-atti tal-kawża numru 1179/91 jiġu mehmuża mal-atti tar-Rikors;

Rat in-Nota spjegattiva mressqa mill-intimat Reġistratur tal-Qrati fil-21 ta' Frar, 2002;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha;

Rat id-degrieti tagħha tat-13 ta' Ġunju, 2002, tas-7 ta' Novembru, 2002, tal-5 ta' Diċembru, 2002, tas-16 ta' Jannar, 2003 u tat-8 ta' Mejju, 2003, li bihom ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' ritassa skond l-artikolu 64 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrent qiegħed jattakka l-ħruġ ta' taxxa ta' spejjeż ġudizzjarji maħruġa dwar kawża li fiha huwa kien ġie mħarrek maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fil-5 t'Ottubru, 2001, b'sentenza li ċaħdet l-appell li huwa kien ressaq minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-21 t'April, 1999. Huwa jgħid li t-taxxa nħadmet ħażin għaliex tagħti valur lill-art mertu tal-

kwestjoni meta dan ma jidher imkien fl-atti tal-kawża msemmija;

Illi għal din it-talba, l-intimati laqgħu billi qalu li t-taxxa nħadmet sewwa u li l-valur jinstilet minn dokument li r-rikorrent innifsu kien ressaq fl-atti tal-kawża. L-intimat Reġistratur tal-Qrati laqa' wkoll billi qal li r-rikors tressaq qabel il-waqt għaliex ma sarx tentativ mir-rikorrent biex l-ilment tiegħu jitwassal lir-Reġistratur u jiġi indirizzat bil-kwiet. L-intimat Avukat Lia ressaq ukoll l-eċċezzjoni li billi t-taxxa tal-ispejjeż ġudizzjarji saret favur l-atturi fil-kawża, hu ma messux ġie mħarrek, u għalhekk għandu jinħeles milli jibqa' fil-proċedura;

Illi l-azzjoni li dwarha nħarġet it-taxxa ta' spejjeż ġudizzjarji kontestata mir-rikorrent kienet tirriġwarda azzjoni ta' rivendika ta' art magħrufa bħala "Ta' Zuppa" fil-kontrada ta' Birguma, limiti ta' Ħal Għargħur. L-atturi f'dik il-kawża kienu talbu li l-imħarrek (ir-rikorrent f'dan ir-Rikors) jinżamm milli jbigħ l-imsemmija art lil terzi u li jiġi dikjarat li huma kienu s-sidien ta' l-istess art. Kemm is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u kif ukoll dik mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell laqgħu t-talbiet attriċi u warrbu l-eċċezzjonijiet imqanqlin mill-imħarrek;

Illi, kif fisser l-intimat Reġistratur tal-Qrati fin-Nota spjegattiva tiegħu, meta nħadmet it-taxxa tal-ispejjeż ġudizzjarji dwar l-imsemmija kawża, intużat bħala kriterju ta' valutazzjoni tal-art mertu tal-kawża ċ-ċifra msemmija f'dokument (kopja legali ta' Att ta' Denunzja Addizzjonali) imfassal mir-rikorrent innifsu u minnu mressaq waqt il-ġbir tal-provi ta' dik il-kawża. Min-naħa tiegħu, ir-rikorrent jisħaq li wieħed ma jistax joqgħod fuq dak id-dokument għax ma jistax jingħad b'ċertezza li ċ-ċifra msemmija fih saret meta tressqet id-denunzja u mhux żmien wara;

Illi l-liġi tistabilixxi x'inhuma l-kriterji li r-Reġistratur għandu jimxi fuqhom meta jiġi biex jintaxxa l-ispejjeż ta' kawża. Dawn il-kriterji huma mfissra fit-Tariffa A (Par. 4) u fit-Tariffa E (Par. 13 sa 15) li jagħmlu parti mill-Iskeda "A" tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili. Minbarra dan, il-valur ta' kawża huwa determinabbli wkoll (għall-

finijiet ta’ kompetenza) minn regoli li l-istess Kodiċi jħaddan dwar l-għamla tat-talba li tkun[2];

Illi qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tqis il-mertu tat-talba tar-rikorrent, jidher li jkun xieraq li jiġu deliberati l-eċċezzjonijiet preliminari mressqin mill-intimat Direttur tal-Qrati u l-intimat Avukat Lia rispettivament. Fl-ewwel eċċezzjoni, l-intimat Reġistratur tal-Qrati jgħid li r-rikorrent mexxa kontrih qabel il-waqt, għaliex messu pprova jirranġa l-ilment li kellu dwar it-taxxa tal-ispejjeż ġudizzjarji bil-kwiet minflok qabad u ressaq ir-rikors. Din l-eċċezzjoni ma tiswiex. Fl-ewwel lok, l-atteġġament tal-imsemmi intimat huwa muri fit-tielet eċċezzjoni tiegħu, liema atteġġament jagħmilha ħaġa ċara li ma kien jiswa xejn lir-rikorrent li jressaq l-ilment tiegħu bonarjament, ladarba l-intimat huwa determinat li t-taxxa hija maħduma kif imiss. Fit-tieni lok, jekk wieħed iqis iż-żmien tassew qasir mogħti mil-liġi lil min irid jikkontesta taxxa ta’ spejjeż ġudizzjarji, wieħed malajr jintebah li t-tressiq tar-rikors huwa proċedura ta’ ċerta urġenza li ma tippermettix it-teħid ta’ ħafna żmien f’diskussjonijiet biex tiġi aġġustata taxxa diġa’ maħruġa u ċirkolata. Fit-tielet lok, hija biss bis-saħħa tal-proċedura preżenti li taxxa maħruġa mill-intimat tista’, b’ordni tal-Qorti, tiġi mħassra u l-kriterji tar-ritassa stabiliti: ma jidhirx li huwa għaqli u rakkomandat li jingħad li r-Reġistratur tal-Qrati, ladarba jkun ħareġ taxxa ta’ spejjeż ġudizzjarji, għandu “jinnegozja” ma’ xi parti dwar il-valur tal-kawża jew aspetti oħra relatati. Il-kriterji li għandhom imexxu lir-Reġistratur fit-tfassil u l-ħruġ ta’ taxxa huma dawk stabliti fil-liġi u mhux dawk li l-partijiet iħossuhom komdi bihom;

Illi, għal dak li jirrigwarda l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Avukat Lia, din ukoll ma tidhirx ġustifikata. Għalkemm huwa minnu li t-taxxa toħroġ minn u taħt l-awtorita’ tal-intimat Reġistratur tal-Qrati, u għalkemm sa ċertu punt it-taxxa tolqot lill-partijiet fil-kawża, ma jistax jintesa lanqas li l-konsulenti legali tal-partijiet f’kawża għandhom interess ħaj u dirett fl-ammont ta’ dritt intaxxat lilhom. Mhux hekk biss, imma ngħad għadd ta’ drabi li f’azzjoni ta’ ritassa

[2] Ara artt. 746 u 748(b) tal-Kap 12

(bħalma hija din) għandhom ikunu parti fil-proċedura l-interessati kollha, fosthom id-difensuri tal-partijiet, u dan għal raġunijiet ta' integrita' ta' ġudizzju, li hija kwestjoni ta' ordni pubbliku[3]. Minħabba f'dan kollu, għalhekk, mhux talli l-intimat Avukat Lia ġie sewwa azzjonat u m'għandux jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju, kif talab li jsir, iżda kien ikun hemm lok għas-sejħa fil-kawża tiegħu kieku ma kienx azzjonat mill-bidu;

Illi għal dak li jirrigwarda <u>l-aspetti tal-każ fil-mertu</u> irid jingħad li għalkemm mir-Rikors jingħata ħjiel li r-rikorrent jilmenta li l-qofol tal-kawża li fiha kien imħarrek kienet waħda ta' dikjarazzjoni ta' titolu għall-art, l-oġġezzjoni waħdanija tiegħu hija l-arbitrarjeta' li jgħid li ntużat biex tqies il-valur tal-art mertu ta' dik il-kawża. Fi kliem ieħor, il-kwestjoni mqanqla minnu f'din il-proċedura tal-lum m'hijiex daqstant jekk it-taxxa messhiex inħadmet fuq "artikolu" jew dikjarazzjoni minflok "*ad valorem*", imma jekk il-valur attribwit kienx mistħoqq.

Illi f'dan il-każ huwa minnu li l-ebda ammont jew somma ma jintalbu fl-att taċ-Ċitazzjoni. L-ebda valur ma jidher mid-dikjarazzjoni maħlufa mehmuża magħha. Huwa minnu wkoll li bħala prinċipju stabilit, il-valur ta' kawża jitqies fuq it-talbiet u mhux fuq l-interess effettiv tal-atturi[4]. Madankollu, ir-regola li l-valur huwa meqjus mit-talba, jew mis-sentenza meta l-ebda valur ma jissemma fit-talba, ma hix waħda inflessibbli, għaliex hija raġonevolment kwalifikata bil-prinċipju li meta mill-kumpless tal-kontestazzjonijkun jidher x'inhu l-valur tal-pretensjoni attriċi, alllura t-tassazzjoni ssir fuq dak il-valur[5];

Illi ta' min jgħid ukoll li t-Tariffa li tiggwida l-likwidazzjoni ta' dritt dovut lil avukat f'kawża li fiha tkun ingħatat deċiżjoni dwar punt ta' dritt jew ta' fatt, tgħid li dik id-deċiżjoni tiġi intaxxata *ad valorem* jekk kemm-il darba "jkollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skond il-liġi **jew**

---

[3] Ara P.A. **24.7.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Falzon noe vs Vella noe et*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.222**)
[4] Ara App. Ċiv. **7.10.1960** fil-kawża fl-ismijiet ***Ellul Bonniċi vs Buħaġiar noe et*** (Kollez. Vol: **XLIV.i.243**)
[5] P.A. **24.7.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef et vs Micallef et.*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.424**), fejn il-Qorti waslet għall-fehma li t-taxxa tal-ispejjeż kellha tinħadem *ad valorem* fuq prospett li ressaq l-attur waqt is-smigħ tal-kawża

**mill-proċess**" [6](enfasi tal-Qorti). Fil-fehma tal-Qorti, dan ifisser li l-valorizzazzjoni tal-azzjoni tista' ssir mhux biss mill-att promotur, imma minn kull tagħrif jew prova li tinsab fl-atti;

Illi fil-każ preżenti, l-intimati jisħqu li l-valur tal-kawża huwa determinabbli minn dokument li ressaq l-imħarrek innifsu (ir-rikorrent tal-lum), u preċiżament minn kopja legali ta' denunzja tas-suċċessjoni[7]. Huma jgħidu li dan id-dokument, li sar fl-1997 (jiġifieri matul iż-żmien li kienet għaddejja l-kawża oriġinali), jagħti valur approssimattiv ta' kemm kienet tiswa l-art li dwarha saret il-kawża. Huwa minnu wkoll li hemm denunzji oħrajn li jistgħu jirreferu għall-istess art u li fihom jingħataw stimi u valuri. Imma tali denunzji kollha jmorru lura ċertu żmien, b'mod l-valuri msemmija fihom ma jistgħux jirrappreżentaw tassew is-siwi tal-art fiż-żmien tal-kawża daqskemm jista' jirrappreżentaha l-valur mogħti lill-istess art fl-imsemmi dokument. Issa għalkemm huwa minnu li d-denunzja ta' suċċessjoni ma tiswiex biex tistabilixxi t-titolu tal-ġid li fiha jissemma, ma jistax ma jingħadx ukoll li bħala dokument dik id-denunzja titqies bħala prova ammissibbli li tipprova l-kontenut tagħha għall-finijiet tal-artikolu 627 tal-Kap 12. Meta wieħed iqis, għalhekk, li kien l-istess rikorrent li ressaq dak id-dokument bħala prova favurih fl-imsemmija kawża, huwa żgur li kellu l-fehma li t-tagħrif fiha kien jikkunsidrah ta' għajnuna għat-teżi tiegħu f'dik il-kawża. Daqsatant ieħor għandu jingħad li tali dokument jagħmel parti essenzjali mill-inkartament li wassal għall-għoti tas-sentenzi fl-ewwel u fit-tieni grad li dwarhom u in segwitu għalihom inħarġet it-taxxa tal-ispejjeż issa impunjata;

Illi, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tasal biex tqis li l-intimat Reġistratur tal-Qrati kellu kull jedd li juża l-imsemmi dokument bħala l-kejl tal-valur tal-kawża maqtugħa bejn il-kontendenti l-oħrajn u dan fin-nuqqas ta' dokument ieħor aħjar minn dak jew ta' nota mressqa mill-partijiet flimkien li fiha kien determinat il-valur;

---

[6] Par. 14, Tariffa "E" tal-Ewwel Skeda tal-Kap 12
[7] Dok "DC3", f'paġġ. 322 sa 334 tal-atti tal-kawża 1179/91DS

Illi, għalhekk, ladarba jiġi verifikat li t-taxxa tal-ispejjeż kif maħruġa u li kopja tagħha tinsab mehmuża mar-Rikors promotur hija konformi ma' valur ta' kawża ta' sebgħa u għoxrin elf lira Maltija (Lm 27,000), il-Qorti ma jifdlilha l-ebda għażla oħra għajr li tikkonfermaha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

Filwaqt li **tiċħad it-tieni eċċezzjoni** tal-intimat Reġistratur tal-Qrati;

U **tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** tal-intimati l-oħrajn;

**Tilqa' t-tielet eċċezzjoni** tal-intimat Reġistratur tal-Qrati u **t-tieni eċċezzjoni** tal-intimati l-oħrajn, u tiddikjara li l-intimat Reġistratur tal-Qrati għamel sewwa li ħadem it-taxxa tal-ispejjeż ġudizzjarji dwar il-kawża fl-ismijiet "Nancy Manġion et vs Albert Beżżina Wettinger" (Ċitazz. Nru. 1179/91DS) maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fil-5 t'Ottubru, 2001, fuq il-valur tal-art li jirriżulta minn prova dokumentali li tinsab fl-atti tal-imsemmija kawża; u

**Tiċħad it-talba tar-rikorrent** għat-tħassir tal-imsemmija taxxa bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

**Moqrija**

--------------------------------TMIEM--------------------------------